# Il-Malti Filosofiku



Descartes



San Tumas t'Akwinu



Platun



Kant

**JISTA' L-MALTI JAQDINA BIEX NESPRIMU ĦSIBIJIET ASTRATTI BĦALMA NAGĦMLU B'LINGWI OĦRA? IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI STIEDEN LILL-PROF. JOE FRIGGIERI, L-AWTUR TA' *IN-NISĠA TAL-ĦSIEB*, L-EWWEL STORJA TAL-FILOSOFIJA BIL-MALTI, BIEX IWIEĠEB DIN IL-MISTOQSIJA**

Qabel ma bdejt nikteb *In-Nisġa tal-Ħsieb*, kont nismagħhom jgħidu li l-Malti mhuwiex lingwa tal-ħsieb, u għalhekk ma jaqdikx meta tiġi biex tesprimi ħsibijiet filosofiċi li, kif nafu, mhumiex ħsibijiet sempliċi. Min kien jgħid hekk ma kienx neċessarjament 'għadu tal-Malti', frażi li biha nirreferu għal dawk li, minħabba li l-Malti ma jafuhx sew, jibdlu dan in-nuqqas f'attitudni ta' ostilità lejn min jitkellmu aħjar minnhom. Magħhom trid iżżid lil dawk li għalihom il-ħsieb astratt mhux ħobż għal snienhom u li qatt ma joħolmu li jmissu b'idejhom xi kitba filosofika. F'Malta l-problema tinħass iżjed, għax filwaqt li joħorġu ħafna rumanzi, novelli, bijografiji u kitbiet oħra letterarji, kotba tal-filosofija bil-Malti ma jeżistux. U dawk il-ftit li l-filosofija tinteressahom bħala suġġett, għax iridu jgħallmuha jew jistudjawha fis-Sixth Form jew l-Università, jinqdew tajjeb billi jixtru jew jissellfu kotba bl-Ingliż.

Minkejja dan, jiena deherli li, bħalma għandna Bibbja, dizzjunarji, letteratura, xandir, liġijiet u liturġija bil-Malti, għandu jkollna wkoll għall-inqas storja tal-filosofija bi lsienna, għal dawk li l-filosofija tinteressahom, u għal oħrajn li forsi jitħajru jsiru jafu x'inhi. B'dan il-ħsieb f'moħħi bdejt nikteb l-ewwel volum, *Mill-Griegi tal-Qedem sar-Rinaxximent*, li ħareġ fis-sena 2000. Seba' snin wara ħareġ it-tieni volum, *Minn Descartes sa Kant*, u fl-2014 deher it-tielet u l-aħħar volum, *Mill-Idealiżmu sal-Postmoderniżmu*. B'hekk koprejt fil-qosor l-istorja tal-filosofija oċċidentali mill-bidu nett tagħha sa tmiem is-seklu għoxrin.

Ix-xogħol qassamtu f'kapitli qosra li jittrattaw filosfu wieħed jew ġabra ta' filosfi tal-istess skola jew moviment, biex dak li jkun ma jaqtax qalbu minħabba t-tul. Kull kapitlu jibda b'nota fuq il-ħajja u l-ħidma tal-filosfu li jkun, u jkompli b'analiżi tal-ideat li għalihom baqa' magħruf, b'mod li kull teorija tgħaddi mill-għarbiel tar-riflessjoni kritika. Dan jagħti l-opportunità lill-qarrejja jifhmu aħjar in-natura tad-diskussjoni filosofika u jipparteċipaw fiha b'mod attiv. L-istorja tal-filosofija hija parti mis-suġġett innifsu, u għalhekk ma tistax tkun biss elenku jew rassenja tal-mistoqsijiet filosofiċi li tqajmu matul is-sekli.

It-tliet volumi ta' *In-Nisġa tal-Ħsieb* twieldu bħala xandiriet fuq Campus FM, ir-radju tal-Università, bil-ħsieb li jilħqu firxa wiesgħa ta' semmiegħa, u dan il-fatt jinħass ukoll fil-kitba. Il-lingwa li nuża ridtha tkun kurrenti u fl-istess ħin eleganti, mirquma mingħajr ma tkun pedanti, li ssegwi r-ritmu tad-diskors naturali, u li tiġbdek magħha mingħajr skossi. Fittixt li nkun ċar u preċiż mingħajr ma nidħol fi rqaqat żejda, u meta l-kunċetti kienu tqal użajt l-eżempji biex infissirhom.

Il-puriżmu lingwistiku għadda żmienu. Mill-banda l-oħra m'għandniex nitgħażżnu; u għalhekk ma nużax espressjonijiet bħal 'liberu arbitriju' jew 'volontà libera' imma 'rieda ħielsa'. Fejn jidħlu s-sensi, aħna għandna kelma semitika għal erbgħa minnhom: is-smigħ, ix-xamm, it-togħma, u l-mess. Imma għas-sens l-ieħor nużaw il-kelma Taljana 'vista'. Hawnhekk – u hawnhekk biss – użajt il-kelma arkajka 'raj', minn 'ra', li tmur mal-erbgħa l-oħra u toħroġ l-idea b'mod ċar.

Waħda mid-deċiżjonijiet li kelli nagħmel fil-bidu kienet kif noħroġ bil-Malti d-distinzjoni  bejn 'mind' u 'brain'. Nafu li għal 'brain' għandna l-kelma 'moħħ', imma għal 'mind' m'għandniex ekwivalenti li ddoqq. Evitajt għalkollox il-kelma 'menti' u minflokha użajt il-kelma 'ħsieb', għax rajt li fil-parti l-kbira tal-każi kienet l-aktar kelma li tagħmel sens, għax ma tfissirx biss 'thought' imma wkoll 'thinking', attività jew proċess. Meta tfisser 'thought' għandek il-plural 'thoughts' (ħsibijiet); meta tindika l-proċess jew l-attività, m'għandekx.

Eż. 'jagħmel kollox bil-ħsieb', jiġifieri b'attenzjoni; 'il-bniedem jirraġuna għax għandu l-ħsieb', jiġifieri l-ħila li jaħseb; 'iltqajna bla ħsieb', jiġifieri b'kumbinazzjoni. Fl-istess waqt ma nsejtx li bil-Malti nużaw il-kelma 'moħħ' anke biex infissru l-attività tal-ħsieb, bħal meta ngħidu 'moħħu tajjeb' jew 'moħħu jtih', li jfissru li hu intelliġenti; inkella 'moħħu mhux hawn', 'moħħu mtajjar', 'moħħu fis-sħab', jew 'moħħu fuq il-werqa', li huma lkoll metafori li juruna r-rabta qawwija bejn il-moħħ u l-ħsieb, tant li ħafna drabi fi lsienna, bħal f'lingwi oħra, nużawhom bħala sinonimi - u għalhekk jgħinuna biex nevitaw id-duwaliżmu.

Ix-xogħol li kelli nagħmel biex nuri li l-Malti huwa għodda tajba daqs kull lingwa oħra biex biha nesprimu kunċetti astratti jew filosofiċi għamiltu. Ix-xewqa tiegħi hi li jkun hawn xi studenti tal-Malti jew tal-Filosofija li jitħajru jużaw dawn it-tliet volumi ta' *In-Nisġa tal-Ħsieb* biex jibnu glossarju ta' termini filosofiċi li sal-lum għadu ma jeżistix. Biex jagħmlu dan, jistgħu jibdew mill-kliem li hemm fl-indiċi ta' kull volum, u għalhekk ħafna mix-xogħol isibuh lest.